**MINUTI**

**KUMITAT AMMINISTRATTIV TA' BUBAQRA**

**KUNSILL LOKALI ŻURRIEQ**

**LAQGĦA NUMRU TMINTAX**

**17 ta' OTTUBRU, 2011**

Il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra, iltaqa' fl-uffiċċju amministrattiv li jinsab fl-indirizz Ċentru tal-Komunita Joe Cassar, Triq Pietru Pawl Saydon, Żurrieq fil-5.30 ta' filgħaxija.

**PREŻENTI**

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia, Viċi Chairperson Maria Schembri, u l-membri Joseph D'Amato, Annetto Bugeja u Joseph Caruana.

**UFFIĊJAL PREŻENTI**

Is-Segretarju Eżekuttiv Josianne Cilia Mumford.

**MINUTI**

Ic-Chairperson Pierre Farrugia ppresjeda.

**18.1** ***Kunsiderazzjoni u Approvazzjoni tal-Minuti***

18.1.1 Fir-rigward ta' punt 17.1.2 iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li tkellem mal-Perit Bezzina fejn infurmah li r-rapport tax-xogħol li sar fuq l-istatwa ta' Santa Marija jinsab fi stat avvanzat u ma jdumx ma jkun għand il-KAB.

18.1.2 Fir-rigward ta' punt 17.2.1 il-membru Joseph D'Amato qal li t-300 siġra li kienu ser jitqassmu bejn l-irħula ta' madwar l-airport (Luqa, Gudja, Kirkop, eċċ) ġejna nfurmati li tali siġar ser jingħataw kollha lill-Kunsill tal-Mellieħa.

F'dan il-ħin daħlet il-Viċi Chairperson Maria Schembri (5.40pm)

Kien hemm qbil li jinġabru kwotazzjonijiet għal 6 siġar taż-żebbuġ biex jitħawlu fi Triq San Martin.

Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li ġie avviċinat minn

residenta li ġabret 'mile stone' storika li kienet ser tittieħed minn kuntrattur li kien qed jaħdem fl-akwata. Kien hemm qbil li din terġa titwaħħal fi Triq San Martin.

18.1.3 Fir-rigward ta' punt 17.4.1 iċ-Chairperson Pierre Farrugia ċċekja mad-dipartiment ikkonċernat fuq l-art li Farrugia qed jallega li ser jibni, u ġie nfurmat li Farrugia applika biex l-art tiġi permessabli għall-bini, peress li permessi tal-bini fl-akwata għadhom ma nħarġux.

Iċ-Chairperson żied jgħid li rċieva ittra mingħand il-familja Camilleri fejn qed iżżommu responsabbli għal kull ħsara li tista tinqala' lill-qabar tal-familja tagħhom li jinsab eżatt wara l-BIS. L-ittra li rċieva tħallet mal-korrispondenza tal-Kunsill.

18.1.4 Fuq l-ilment ta' trakkijiet li qed jgħaddu minn Triq Ħal Far, kien hemm qbil li nitkellmu mal-ispettur il-ġdid u niġbdu l-attenzjoni għal darb oħra.

18.1.5 Fir-rigward ta' punt 17.5.3 kien hemm qbil li l-KAB jnaddaf sqaq fi Triq Sant Andrija.

18.1.6 Fir-rigward ta' punt 17.5.4 il-membru Joseph Caruana qal li x-xogħol ser isir fi żmien qasir.

18.1.7 Il-minuti tas-seduta numru 17 ġew approvati.

***18.2 Kommunikazzjoni miċ-Chairperson***

18.2.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li nhar il-Ġimgħa fis-seduta tal-Kunsill ser jiċċekja jekk il-Kunsill hux ser jieħu ħsieb li jdawwar l-art b'ċint minħabba li kien hu li applika għall-fondi speċjali għall-proġett.

18.2.2 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li tkellem mat-TM fuq is-sinjali tat-traffiku li hemm bżonn li jsiru fi Triq San Martin. Il-Perit Galea nfurmatu li x-xogħol jinsab fil-proċess li jsir.

18.2.3 Iċ-Chairperson qal li s-Sindku fl-aħħar seduta tal-Kunsill Lokali talbu biex iħejji rapport ta' x'xogħol għamel il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra kemm ilu imwaqqaf.

Iċ-Chairperson qara r-rapport li ħejja :

1. *Bdejna billi ħadna ħsieb il-patching fit-toroq kollha taż-żona.*

2. *Bankini ġodda jew li kellhom bżonn jinbidlu.*

3. *Saru żewġ areas ta' Bring In Site tal-karti, ħġieġ, plastic.*

4. *Refresh tas-sinjali kollha ta' Bubaqra.*

5. *Twaħħlu 5 mirja ġodda tat-traffiku fi blind corners biex jitnaqqsu l-accidenti tat-traffiku. Dawn kienu kollha approvati mit-Transport Malta.*

6. *Ħadna ħsieb li rranġajna s-sistema tat-tindif ta' knis mit-toroq. Saret sistema ta' darbtejn fil-ġimgħa li dejjem ikunu l-istess ġranet li huma l-Ġimgħa u s-Sibt.*

7. *Ippublikajna leaflet għal Bubaqra li joħroġ tlett darbiet fis-sena.*

8. *Tisqija tal-pjanti u siġar li hemm fiż-żona ta' Bubaqra, nhar ta' Tnejn.*

9. *Qtugħ ta' ħaxix mit-toroq iktar frekwentati.*

10. *Ġew approvati ħmistax –il permess mit-Transport Malta għal linji gwidi fit-toroq ġodda bħal yellow lines, stop signs u parking bays.*

11. *Zebra crossing fi Vjal l-Indipendenza.*

12. *Sistema ta' traffic management u parking bays fejn il-kappella ta' Bubaqra.*

13. *Applikajna mal-Lands għal biċċa art li qiegħda fi Triq Fra Gammari Żammit u li hi mitluqa li taqa' taħt il-gvern biex tiġi f'idejn il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra u niżviluppawha f'żona ta' rikrejazzjoni b'għajnuna ta' EUC li huwa kumitat fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru. Hemm ukoll applikazzjoni għand il-Mepa biex jiġu approvati l-pjanti neċessarji.*

14. *Applikajna għal fond ta' €20,000 mingħand il-Ministeru tal-Kunsilli Lokali biex inkomplu intejbu t-toroq taż-żona billi intuhom wiċċ ġdid, dawk it-toroq li jaqgħu taħt il-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra.*

15. *Tlestew 8 toroq bit-tarmak, bankini ġodda u servizzi, mit-Transport Malta fuq pressjoni tal-Kumitat Amministrattiv ta' Bubaqra li huma :*

*Triq it-Tin*
*Triq Zaccaria Roncali*
*Triq il-Qiegħa*
*Triq San Bastjan*
*Parti minn Triq ir-Rettur*
*Madwar il-Pjazza ta' Triq Skulturi Fabri u Triq in-Nigret*
*Parti minn Triq Dun Nard Mallia*

16. *Sar proġett ta' tisbieh fi Triq San Martin u l-madwar billi sar twaqqieh ta' ħajt li kien totalment jaqsam it-triq, sistema ta' bankini u servizzi ġodda, qlugħ ta' arbli minn nofs tad-dawl/telefon/Melita, parkeġġ għal għoxrin karozza/tarmak mad-dawra kollha u biex inkomplu insebbħu l-lokal ħadna ħsieb li nagħmlu żewġ bays f'kull tarf tat-triq biex jiġu mizruha siġar taż-żebbuġ.*

17. *Tlestew is-sistemi kollha tas-servizzi minn taħt l-art għal żewġ ġonna ġodda li ħa jsiru fi Triq il-Qiegħa u madwar is-substation fi Triq Isouard Xuereb.*

18. *Restawr ta' l-Istatwa ta' Santa Marija li qiegħda fil-Pjazza ta' Bubaqra bl-għajnuna ta' EUC li huwa kumitat fi ħdan l-Uffiċċju tal-Prim Ministru.*

19. *Sar it-Tieġ Malti b'kollaborazzjoni mall-Ministeru tat-Turiżmu, Ministeru tal-Kunsilli Lokali u l-Għaqda tal-Banda ta' Santa Katerina. Dan sar ġewwa ż-żona ta' Bubaqra għall-ewwel darba.*

18.2.4 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kellu laqgħa mal-Onorevoli Chris Said fejn talab lill-KAB biex iħejji stima mingħand il-Perit tal-Kunsill fuq Triq Dun Nard Mallia u jekk hu possibbli t-triq tiġi ffinanzjata mill-Ministeru tiegħu.

18.2.5 Iċ-Chairperson qal li jeħtieġ li ninfurzaw aktar fuq il-kuntrattur li ser jagħmel il-bellishia lights ta' Vjal l-Indipendenza, biex titneħħa l-bankina li saret żejda fi Vjal l-Indipendenza u fuq il-hump li kienet proposta li ssir mal-proġett ta' Triq Santa Marija.

### *18.3 Riċeviment tal-Milied għat-tfal*

18.3.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li ġabret kwotazzjonijiet fuq ikel għar-reċiviment u stima tas-sala tal-kappella ta' Santa Marija.

Kien hemm qbil li d-data tar-riċeviment issir bejn id-19 u 22 ta'Diċembru, u tkun filgħaxija

Iċ-Chairperson ser jipprova jġib sponsor biex ir-riċeviment kollu jkun issussidjat.

Kien hemm qbil li l-Viċi Chairperson u l-membru Annetto Bugeja jippreparaw rapport tal-ispejjeż involuti u jitkellmu ma' min joffri s-servizzi ta' *magician* u l-kummidjant u jitressqu f'seduta oħra.

### *18.4 Dawl/Tiżjien tal-Milied*

18.4.1 Iċ-Chairperson Pierre Farrugia qal li kienet saret laqgħa mal-kuntrattur li ser jaħdem fuq it-tiżjien tad-dawl tal-Milied u ntbagħtet email lil kulħadd fuq il-prezzijiet. Kien hemm qbil li jsiru 6 ornamenti li jitwaħħlu fl-akwata tal-kappella ta' Bubaqra.

L-ispiża tal-ornamenti LED ser tkun €785 u l-ispiża tax-xogħol biex jinħadmu ser tiġi €1,120.

Kien hemm qbil li għal din is-sena s-Soċjeta' Mużikali Santa Katarina tarma l-ornamenti fuq l-arbli tal-istess soċjeta' u l-KAB jitlob biex tali servizz jkun ta' €350. Is-Soċjeta' li tarma għandha tieħu ħsieb l-metre tad-dawl ukoll.

Kien hemm qbil li ċ-Chairperson jġib stimi tal-ħofor tal-arbli.

### *18.5 Ilmenti u Suġġerimenti*

18.5.1 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri qalet li l-hairdresser ta' Triq ir-Rettur tixtieq bozza minħabba d-dlamijiet li jkun hemm fl-akwati. Is-Segretarju Eżekuttiv qalet li min ikun irid li titwaħħal bozza mar-residenza tiegħu jrid jiffirma formola apposta li tinsab fl-uffiċċju tal-Kunsill.

18.5.2 Il-Viċi Chairperson Maria Schembri talbet li ssir mera fi Triq Fortunato Dalli minħabba l-inkonvenjenza li qed isibu l-vetturi biex joħorġu għal Vjal l-Indipendenza. Kien

hemm qbil li tiġi ordnatha.

18.5.3 Il-membru Joseph Caruana rrefera għall-ilment/suġġeriment li sar biex fi Triq l-Imwieġel titwaħħal tabella sabiex ma jgħaddux vetturi kbar kif ukoll titwaħħal tabella oħra li turi l-wisa' ta' triq. Ma kienx hemm qbil fuq dan is-suġġeriment minħabba li t-trakkijiet m'għandhomx triq oħra minn fejn jgħaddu u minħabba li t-trakkijiet dejjem għaddew mingħajr problemi mit-triq imsemmija.

18.5.4 Kien hemm suġġeriment sabiex isiru żewġ *sleeping policeman* fi Triq Santa Marija. Ma kienx hemm qbil li jsiru *sleeping policeman* u jekk xi ħadd jara xi vetturi għaddejjin b'veloċita' jieħu n-numri tar-reġistrazzjoni u jirrapporta l-għassa.

***18.6 Appuntament għas-seduta li jmiss***

18.6.1 Id-data tas-seduta li jmiss fuq qbil bejn il-membri kollha ser issir nhar it-Tnejn 14ta' Novembru 2011 fil-5.30 ta' filgħaxija.

18.6.2 Il-laqgħa ntemmet b'dan l-*item* fuq l-aġenda fit-7.30 ta' filgħaxija.

Konfermati, illum ___ ta' Novembru, 2011.

Pierre Farrugia
**Chairperson**

Josianne Cilia Mumford
**Segretarju Eżekuttiv**